MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 154/2012

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**
**Vs**
**Mary Grace Eldesauki**
**I.D. 37270M**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta’ Marzu, 2012 fejn is-socjeta’ attrici qalet illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf erba mija erbgha u sittin Ewro u erbatax-il centezmu (€1,464.14) in konnesjoni ma’ *Laptop Connect* (*A/C51073641*) u jinkludi *Linovo S10* u *Bandluxe C270*, u dan skond kuntratt tat-8 ta’ Gunju, 2010.

Illi Interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali 2755/11

It-Tribunal ra illi l-konvenuta dehret ghas-seduti kollha pero ma pprezentat l-ebda risposta. Fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2012 hija dehret assistita u rregistrat ammissjoni fejn talbet illi l-ammont mitlub hija lesta thallsu permezz ta' rati mensili ta' erbghin Ewro (€40).

Ghaldaqstant wara li t-Tribunal ra d-dokumenti prodotti, ra l-ammissjoni tal-konvenuta jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas l-ammont ta' elf erba' mija u erbgha u sittin Ewro u erbatax-il centezmu (€1,464.14) illi bi qbil bejn il-partijiet l-ammont jithallas f'rati mensili ta' erbghin Ewro (Euro40) u s-sentenza tigi esegwibbli kemm il-darba l-konvenuta tonqos milli thallas rata wahda ta' erbghin Ewro (Euro40).

Bl-imghax ikun dekorribli mid-data li l-konvenuta twaqqaf il-pagamenti.

Il-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------